# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.3

**Kap 1: Id-Dinja Sabiħa**

**Lezzjoni 1.3 – Ir-raġel li għen tassew!**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jiftakru fid-differenzi li jeżistu bejniethom, imma li b
   danakollu xorta jistgħu jkunu ħbieb.
2. Jitgħallmu bid-differenzi li jeżistu barra l-komunità tagħhom ġo Malta u barra minn Malta.
3. Jifhmu kemm hu importanti li naċċettaw u nħobbu lil kulħadd.
4. Jisimgħu l-istorja tas-Samaritan it-tajjeb.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

Storja tas-Samaritan it-Tajba

- http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI
- *Powerpoint* Ngħinu lill-oħrajn
- *Worksheet* 1.3 Ir-Raġel li għen tassew



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Staqsi lit-tfal sabiex iħarsu lejn it-tpinġijiet li kienu għamlu u jinnotaw id-differenzi ta' bejniethom.



- Staqsi:

○ Għalkemm intom ilkoll differenti, xorta ħbieb?

○ Aħna nħobbu lil kulħadd jew lil min jixbahna biss?

○ Jekk xi ħadd ikollu bżonn l-għajnuna, x' għandna nagħmlu?

○ X'għandna nagħmlu biex nuru li nirrispettaw u nħobbu tassew lil xulxin?

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)

- Uri l-*video clip* tal-istorja tas-Samaritan it-tajjeb: http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI

- Staqsi lit-tfal:



  - X' kien qed jagħmel dak ir-raġel?
  - Xi ġralu fit-triq?
  - In-nies mill-ewwel għenuh?
  - Min għenu?
  - X' għamel is-Samaritan?
  - Kieku aħna konna minflok ir-raġel midrub, irridu min jgħinna?
  - U kieku konna għaddejjin mit-triq u rajna lir-raġel ferut, konna ngħinuh jew nibqgħu sejrin?
  - Ngħinu biss jekk ikun xi ħadd Malti bħalna jew anke jekk ma jkunx Malti?

- Staqsi lit-tfal: Kif taħsbu li aħna l-Maltin qed ngħinu lill-persuni minn artijiet oħra?

- Uru l-*powerpoint* **Ngħinu lill-oħrajn** u iddiskutu dak li tkunu rajtu.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 1.3 u agħtihom ċans ipinġu l-istorja. Tajjeb li dawk li għandhom bżonn l-għajnuna jiġi mgħejjuna jagħżlu l-kuluri addattati.
- Spjega Attività 2 u bħala klassi iddiskuti liema sentenzi jaqblu mal-istorja u liema le.
- Stieden lit-tfal iħarsu lejn is-sentenzi ta' fuq il-ħmar u jagħżlu s-sentenzi t-tajbin.
- Iddiskuti l-Attività ta' Sam u Tara u enfasizza li rridu ngħinu anke jekk inbatu.
- Inkuraġixxi li għal dak il-jum kulħadd ħa jgħin mill-aħjar li jista'.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Bejnietna jeżistu d-differenzi.
2. Pajjiżi differenti għandhom ukoll stili ta' ħajja differenti.
3. Aħna għandna nħobbu u ngħinu lil kulħadd.
4. Ir-raġel tal-istorja kien tassew raġel b'qalb tajba.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jifhmu li mhux kulħadd għandu l-istess bżonnijiet. Allura jridu jgħinu minn qalbhom lil min ikollu bżonn l-għajnuna tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ

Link: http://www.youtube.com/watch?v=fO4qSAhI1sI

Ejjew nirreċtaw l-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb.



## Nitolbu

Mulej, għinna sabiex nitgħallmu naċċettaw lil kulħadd, anke lil dawk li jgħixu b' mod differenti minna. Kulħadd huwa ħolqien tiegħek u aħna rridu nħobbu lil kulħadd.

